# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**Aġent President**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT MANGION**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 14 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors maħluf numru 462/2013/2 AF**

**Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Disabilità,**
**illum Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni**
**b'Disabilità**

***v.***

***Malta Football Association***

1. Din is-sentenza hija dwar rikors tal-kummissjoni attriċi taħt l-art. 811 (*e*) u (*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili b'talba biex il-qorti tħassar "deċiżjoni ta' deżerzjoni" tal-15 ta' Frar 2023 li biha l-appell tal-istess kummissjoni tqies deżert taħt l-art. 964 tal-istess Kodiċi. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Il-kummissjoni attriċi fetħet kawża kontra l-konvenuta iżda b'sentenza tas-16 ta' Novembru 2017 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qatgħet il-kawża kontra

l-attriċi u ċaħdet it-talbiet tagħha. L-attriċi appellat b'rikors tad-29 ta' Novembru 2017 li l-konvenuta wieġbet għalih fl-20 ta' Diċembru 2017.

3. B'dikriet tal-1 t'Awissu 2022 il-Qorti tal-Appell ordnat illi l-appell jinstema' nhar it-Tlieta 25 t'Ottubru 2022. Fit-23 t'Ottubru 2022 deher l-avukat tal-assoċjazzjoni konvenuta iżda għall-attriċi appellanti ma deher ħadd billi ma kinitx notifikata bl-avviż tas-smigħ. Tniżżel dan il-verbal:

> »Billi l-appellant mhix notifikat bl-avviż tas-smigħ u l-kawtela, il-qorti tiddifferixxi l-appell għal darba waħda biss biex l-appellant jirregola ruħu dwar l-appell tiegħu, u fin-nuqqas tieħu l-provvediment meħtieġ.
>
> »L-appell qed jiġi differit għal dan l-iskop għall-15 ta' Novembru 2022 fit-8:30 *a.m.*«

4. L-attriċi appellanti baqgħet ma ħaditx ħsieb li tilqa' n-notifika u fil-15 ta' Novembru 2022 reġa deher biss l-avukat tal-konvenuta. Tniżżel dan il-verbal:

> »Billi jidher illi l-appellant ma ottemporax ruħu mal-verbal tal-25 ta' Ottubru 2022, l-appell ġie differit *sine die.*«

5. Tliet xhur wara, fil-15 ta' Frar 2023, l-appell tqies deżert kif igħid u jrid l-art. 964(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili:

> »**964**. (1) Kull kawża li jkun hemm f'qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili li, wara li tkun ġiet imressqa għas-smigħ, tiġi, b'ordni tal-qorti, differita *sine die* jew xort'oħra sospiża għandha titqies bħala deżerta sakemm ma tiġix appuntata mill-ġdid mill-qorti fiż-żmien perentorju ta' tliet (3) xhur minn meta tkun hekk ġiet differita jew sospiża jew ikun ġie ppreżentat fil-qorti rikors, f'dak il-perjodu, biex tiġi appuntata mill-ġdid:
>
> »... ... ...«

6. B'rikors tad-29 ta' Marzu 2023 l-attriċi talbet illi l-qorti tħassar *contrario imperio* "l-ordni ta' *sine die* mogħtija fil-15 ta' Novembru 2022" u terġa' tqiegħed l-appell għas-smigħ. Il-konvenuta wieġbet fl-20 ta' April 2023 u

opponiet għat-talba. B'dikriet tal-24 t'April 2023 il-qorti ċaħdet it-talbiet tal-attriċi għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Fl-ewwel lok il-qorti tirriieva illi ma ntalabx ir-revoka tal-provvediment ta' deżerzjoni tal-15 ta' Frar 2023 u għal din ir-raġuni biss ir-rikors ma għandux jiġi milqugħ.
>
> »F'kull każ però t-taiba tar-rikorrent ma fihiex siwi. Id-deżerzjoni ma saritx skont l-artikolu 152(4) tal-Kap. 12 iżda skont l-artikolu 963 tal-Kap. 12, u f'kull każ l-artikolu 152(4) ma kienx igħodd għall-appell imressaq mir-rikorrenti qabel Awwissu 2021. Jekk l-appellanti biddlu l-indirizz fil-mori tal-appell kien fid-dmir tagħhom li jagħmlu nota fl-atti f'dan is-sens. *Inoltre* hu d-dmir tal-appellant li regolarment jivverfika l-istadju li fih wasal l-appell u jidher mill-atti li l-appell ġie appuntat fil-25 ta' Ottubru 2022 u, sakemm mar deżert fil-15 ta' Frar 2023, l-appellanti ma ħaditx interess *nonostante* żewġ verbali tal-qorti faċilment aċċessibbli mis-sistema elettronika tal-ċorti.
>
> »L-artikoli 963(6) u 964 tal-Kap. 12 huma ċari u għalhekk tiċħad it-talba.«

7. B'rikors tat-12 ta' Mejju 2023 il-kummissjoni attriċi talbet illi l-qorti "tħassar id-deċiżjoni ta' deżerzjoni datata 15 ta' Frar 2023 … u tordna ritrattazzjoni tal-appell". Ir-raġunijiet għat-talba fissrithom hekk:

> »… … … mid-deċiżjoni ta' deżerzjoni hemm lok għal ritrattazzjoni abbażi ta' artikolu 811 partikolarment artikolu 811 sub-artikolu (*e*) u (*l*).
>
> »Applikazzjoni ħażina tal-liġi – art. 811(*e*)
>
> »Primarjament is-soċjetà esponenti tibbaża l-argument tagħha fuq il-fatt li ġiet applikata ħażina l-liġi li konsegewentament wasslet għad-deżerzjoni tal-kawża.
>
> »Fil-każ odjern, l-esponenti jirrilevaw illi l-liġi li ġiet applikata ħażin kienet dik dwar in-notifika tal-atti lill-partijiet, *cioè* artikolu 152 sub-artikolu 2 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jgħid hekk:
>
> > »"(2) Ir-reġistratur għandu jiżgura li l-parttjiet jiġu notifikati b'avviż tal-ġurnata meta l-kawża tkun tħalliet għas-sentenza.
>
> »*Di più* artikolu 152( 4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jkompli jgħid illi, meta notifika tiġi lura negattiva, ir-reġistratur għandu jinforma lill-avukat, liema avukat għandu jiffirma l-komunika li tkun saret lilu mill-istess reġistratur.
>
> »Kien proprju fi sfond ta' din l-applikazzjoni ħażina tal-liġi dwar in-notifika li wasslet biex il-kawża tiġi ddikjarata *sine die* u kon-segwentement deżerta.
>
> »Li kieku din il-liġi dwar in-notifika ġiet segwita kif inhu stipulat, ċertament li ma kienx ikun hemm lok għal talba ta' ritratazzjoni għaliex kienu jkunu ttieħdu l-passi kollha meħtieġa kif inhu stipulat fil-liġi. Li kieku għas-saħħa tal-argument il-liġi ġiet segwita iżda l-kummissjoni

esponenti naqset milli tidher u taderixxi ruħha mal-obbligi ta' appellanta, f'dak il-każ ċertament ma kienx ikun hemm bażi fuqiex tintalab il-preżenti ritrattazzjoni.

»Mal-mument li n-notifika tal-avviż tas-smigħ ġiet lura negativa (u dan wara erba' snin pendenti!), ir-reġistratur u allura anke l-qorti kellhom obbligu li jassiguraw li japplikaw il-liġi b'mod tajjeb sabiex jiġi assigurat li l-partijiet huma kollha notifikati skont il-liġi.

»… … …

»Huwa proprju minħabba dan li s-soċjetà esponenti qed tinsisti fuq din it-talba għal ritrattazzjoni u *cioè* li sar żball fl-applikazzjoni tal-liġi.

»Sentenza effett ta' żball – qrt. 811(*l*)

»… … … il-kummissjoni esponenti tirrileva wkoll li minbarra li l-liġi kienet applikata ħażin kien hemm ukoll l-effett ta' żball fid-deċiżjoni li dan l-appell għandu jaqa' *sine die* li konsegwentament wassal għad-deżerzjoni.

»Kif diġà ngħad u kif jidher ċar mill-proċess u mill-atti tal-appell, l-istess kummissjoni ma kinetx notifikata bl-avviż tal-ewwel smigħ u dan minkejja li l-liġi tipprovdi li r-reġistratur għandu jagħmel ċert illi saret in-notifika skont il-proċedura.

»It-timbru tan-notifika jindika li l-avviż tas-smigħ ġie lura negattiv u fl-ebda mument ma kien hemm tentativ biex tinħareġ notifika oħra jew toħrog notifika bl-affissjoni u pubbiikazzjoni jew jiġu notifikati l-avukat u l-prokuratur legali li ffirmaw ir-rikors t'appell u dan kif speċifikat f'artikolu 152 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

»Mill-atti jirriżulta li dan ma sarx, tant illi la l-avukat u wisq anqas il-prokuratur legali li ffirmaw ir-rikors ta' appell ma kien ikkomunikat lilhom li l-appellanti ma kinux ġew notifikati bl-avviz tas-smigħ.

»Il-komunika li kellha ssir lill-prokuratur legali jew l-avukat tal-esponenti tinsab fl-atti iżda mhux iffirmata la mill-avukat u lanqas mill-prokuratur legali.

»Il-kummissjoni esponenti saret biss taf li kien hemm smigħ wara li rċeviet avviż mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tħallas id-dritt tar-reġistru.

»Kien minħabba dan l-iżball proċedurali illi ttieħdet id-deċizjoni li l-appell imur *sine die* u konsegwentement deżert.

»Din id-deċiżjoni ta' deżerzjoni għalhekk hija l-effett ta' żball u dan fi sfond li l-liġi tipprovdi b'mod ċar li r-reġistratur għandu jiżgura li l-avviż tal-ewwel smigħ wasal lill-partijiet.

»Huwa minnu illi huwa l-appellant li għandu jieħu ħsieb tar-rikors u tal-kawża minnu magħmula; madankollu huwa minnu wkoll li parti f'kawża għandha wkoll dritt ta' smigħ xieraq kemm fil-perjodu meta jinstema' l-każ u anke għall-mod kif dan jinstema'.

»Għaldaqstant tali deżerzjoni qed twassal sabiex l-appellanti jkunu mċaħħda mid-dritt ta' smigħ xieraq.

»Li kieku ma kienx hekk, ċertament li l-leġislatur ma kienx jaħseb sabiex jemenda l-liġi b'tali mod li r-reġġistratur irid jiżgura li l-partijiet huma kollha notifikati bl-avviz tas-smigħ.

»Ksur tad-dritt għas-smigħ xieraq

»… … … id-deċiżjoni ta' deżerzjoni u *cioè* kanċellament kif mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) datata 15 ta' Frar 2023 qiegħda tilledi d-drittijiet fundamentali tagħhorn għal smigħ xieraq u dan għaliex l-esponenti ritrattandi qatt ma setgħu jkunu jafu bl-appuntament tas-smigħ u dan għaliex qatt ma ġew notifikati b'tali avviż tas-smigħ kif proċeduralment hija korretta.

»Kif diġà ingħad il-kummissjoni esponenti ma ġietx notifikata bl-avviż tas-smigħ; għaldaqstant ma setgħetx tkun preżenti għall-kawża.

»Il-kawża ilha fuq il-lista tas-smigħ ħames snin sħaħ. Dan ukoll minnu nnifsu jmur kontra d-drittijiet tal-bniedem, bil-ksur tal-istess dritt ikompli meta l-kummissjoni ma kinetx notifikata bl-avviż tas-smigħ u allura ma ngħatatx iċ-ċans li tagħmel il-każ tagħha quddiem il-qorti.

»… … …«

8. Għandu jingħad qabel xejn illi ma kien hemm ebda "deċiżjoni ta' deżerzjoni" fil-15 ta' Frar 2023; id-deżerzjoni seħħet mhux bis-saħħa ta' provvediment tal-qorti iżda bis-saħħa tal-art. 964 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, li jrid illi kawża "differita *sine die* jew xort'oħra sospiża għandha titqies bħala deżerta sakemm ma tiġix appuntata mill-ġdid mill-qorti fiż-żmien perentorju ta' tliet xhur minn meta tkun hekk ġiet differita jew sospiża jew ikun ġie ppreżentat fil-qorti rikors, f'dak il-perjodu, biex tiġi appuntata mill-ġdid". It-talba għalhekk biex il-qorti "tħassar id-deċiżjoni ta' deżerzjoni datata 15 ta' Frar 2023" ma tistax tintlaqa' appuntu għax ma kien hemm ebda deċiżjoni bħal dik.

9. Lanqas ma tista' tintlaqa' talba taħt l-art. 811 tal-Kodiċi biex l-appell "jiġi ritrattat", jew mismugħ mill-ġdid, meta l-appell qatt ma nstema'. It-talba tal-attriċi għalhekk ma hijiex waħda li setgħet issir taħt id-disposizzjoniiet tal-art. 811 *et seqq.* tal-Kodiċi. *Se mai* ir-rimedju kellu jkun mhux talba għal ritrattazzjoni iżda talba biex il-qorti tħassar il-provvediment mogħti fil-15 ta' Novembru 2022 li bih l-appell tħalla *sine die*. Dik it-talba fil-fatt saret

bir-rikors tad-29 ta' Marzu 2023 li iżda kien miċħud bid-dikriet tal-24 t'April 2023, u l-proċeduri tallum ma humiex appell minn dak id-dikriet.

10. Il-kwistjoni mbagħad jekk b'dak li seħħ inkisirx il-jedd għal smigħ xieraq hija kwistjoni li kellha titressaq mhux quddiem din il-qorti iżda quddiem qorti b'kompetenza li tqis kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali.

11. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba għal ritrattazzjoni taħt l-art. 811(*e*) u (*l*) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

12. L-ispejjeż ta' dan l-episodju tħallashom il-kummissjoni attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Robert Mangion<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da